# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' April, 2016**

**Talba Nru: 247/2015/VG**

**Jeffrey MULA u Dorianne MULA**

**vs**

**Francis CUTAJAR**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-27 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talbu lill-intimat ihallashom is-somma ta' elfejn disa mija disgha u sittin euro u tnax-il centezmu [€2,969.12c] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lil atturi s-somma komplessiva ta' elfejn disa mija u disa u sittin euro u tnax-il centezmu (€2,969.12) in linea ta' danni likwidati sofferti mill-atturi fil-proprjeta taghhom 1, "Blacksmith", Profs Nerik Vassallo Street, Siggiewi, u liema danni gew ikkagunati mill-konvenut b'rizultat ta' xogholijiet ta' skavar estensivi li huwa ghamel fl-inhawi u fil-vicinanzi tal-proprejta tal-atturi.
>
> Illi l-intimat gie interpellat sabiex jersaq ghal hlas tad-danni minnu kkagunati izda baqa inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Settembru, 2014 komprizi ukoll l-ispejjez tal-istess ittra ufficjali u bil-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fit-8 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi t-talba tal-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante li l-intimat mhux responsabbli ghad-danni li allegatament sofrew l-atturi galadarba dawn gew ikkawzati minn difett strutturali fl-istess proprjeta tal-atturi, liema proprjeta tinsab aktar minn sitt (6) metri 'l boghod mis-sit proprjeta tal-intimat u dan kif ser jigi pruvat waqt is-smigh tal-kawza;

2. Illi fi kwalsiasi kaz, l-intimat agixxa bid-diligenza rikjesta mill-ligi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jekk l-atturi soffrew xi danni, l-ammont mitlub mill-istess atturi huwa wiehed ezagerat;

4. Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

Ra l-verbal tat-22 ta' Frar, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand l-intimat l-hlas tas-somma ta' elfejn disa mija disgha u sittin euro u tnax-il centezmu

[€2,969.12c] rapprezentanti danni likwidati sofferti minnhom fil-proprjeta taghhom gewwa s-Siggiewi, liema danni, kont ir-rikorrenti gew ikkagunati mill-intimat b'rizultat ta' xogholijiet ta' skavar estensivi li huwa ghamel fl-inhawi u fil-vicinanzi tal-proprejta taghhom. L-intimat laqa' ghal din it-talba tar-rikorrenti billi qal li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrihom stante li l-intimat mhux responsabbli ghad-danni li allegatament sofrew galadarba dawn gew ikkawzati minn difett strutturali fl-istess proprjeta taghhom, liema proprjeta tinsab aktar minn sitt (6) metri 'l boghod mis-sit proprjeta tal-intimat. Qal ukoll li huwa dejjem agixxa bid-diligenza rikjesta mill-ligi u li jekk ir-rikorrenti soffrew xi danni, l-ammont mitlub minnhom huwa wiehed ezagerat.

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti** qal li meta huwa kien ra avviz mahrug mill-MEPA mwahhla mal-hajt ta' gardina kbira li kien hemm fi Triq il-Mithna, Siggiewi huwa kien kellem lill-Perit Robert Musumeci sabiex dan ihejjilu *pre-condition report*. Dan l-izvilupp li kien qieghed jigi propost jinsab wara l-proprjeta tieghu u hemm biss fond wiehed li jifridhom. Wara li kien beda l-izvilupp mill-intimat, kompla jghid ir-rikorrenti, "*il-bini tieghi beda jhoss fis-sens illi bdew hergin il-konsenturi*" (fol. 16). Dan ix-xoghol ta' skavar dam ghaddej madwar sena. Wara li huwa ikkonstata l-hsarat, huwa reggha kellem lill-Perit Musumeci li kkonfermalu li "*l-post tieghi kien garrab xi hsarat b'konsegwenza tad-damdim kkagunat mill-iskavar. Id-difetti li rrizultaw kienu jikkonsistu fi qsim tal-konkos tat-tarag, konsenturi fil-hitan, konsenturi fis-saqaf, konsenturi fil-fireplace, caqlieq ta' l-iskerting. Dawn l-konsenturi kienu kwazi tul l-post kollu taghna*" (fol. 16).

   Sussegwentement, huwa kien kellem lill-intimat li mar jara dawn il-hsarat flimkien mal-Perit tieghu Tancred Mifsud. Qal li fil-bidu, l-intimat qallu li ma kellhux problemi. L-istess haga ghamel il-perit tieghu meta qallu li "*l-konsenturi graw ghaliex kien mibni fuq it-travi u jiena ftahtlu zewg garages ta' tahti sabiex nurieh li mhux minnu li l-post tieghi kien mibni fuq it-travi*" (fol. 16). Zied ighid li meta tkellmu l-periti bejniethom, il-Perit Mifsud kien qal lill-Perit Musumeci li l-istima li kellu r-rikorrenti ghax-xogholijiet rimedjali kienet wahda eccessiva. Qal li sussegwentement, il-Perit Musumeci kien qallu sabiex igib xi stimi ohra u l-irhas wahda kienet ta'

€2,969.12c f'liema ammont kien hemm ukoll id-drittijiet tal-Perit Robert Musumeci.

3. **Carmel Scerri**, qal li huwa kien gie nkarigat mir-rikorrenti sabiex jaghmlilhom xoghol fid-dar taghhom gewwa s-Siggiewi. Ix-xoghol li ghamel kien xoghol ta' tikhil minhabba l-konsenturi li kien hemm fil-proprjeta taghhom. Ghamel ukoll xoghol ta' tibjid mal-fond kollu. Huwa qal li kien mexa fuq l-istruzzjonijiet tal-Perit Musumeci. Bhala hsarat kien hemm ukoll konsenturi tal-irham fit-tarag u l-iskriting maqtugh. Tax-xogholijiet li huwa ghamel, huwa zamm l-ammont ta' €1,680. Qal li tul ix-xogholijiet, il-Perit Musumeci kien mar tlett darbiet sabiex jara li x-xogholijiet li kien qieghed jaghmel kienu qeghdin isiru sewwa.

4. **Mario Manara**, direttur tas-socjeta Medistone qal li huma kienu ghamlu xoghol konsistenti f'*interior* design, *fireplace*, dekorazzjonijiet u *units* tal-gebel. Kompla jghid li huma gew imsejha sabiex jirrangaw qtugh fil-fili minn mal-hitan. Ghal dawn ix-xogholijiet, is-socjeta minnu rapprezentata zammet l-ammont ta' €240.

5. **Il-Perit Robert Musumeci** qal li fl-2011 huwa kien gie nfurmat mir-rikorrenti li kien ser isir xoghol massiv fil-vicinanzi tal-proprjeta taghhom. Qal li fit-12 ta' Ottubru, 2011 huwa rrilaxxa certifikat u kkonstata biss il-hsarat li jidhru fir-ritratt a fol. 35 tal-process. F'dan ir-rapport, il-perit ighid li "*upon visual inspection, some hairline craks were observed in the shaft, as per photo A. Save for the above, no further structural damages were noted*" (fol. 34). Il-Perit Musumeci qal li "*ix-xquq li hemm f'dan ir-ritratt mhux relatat mal-binja izda huma relatati mal-kisi. Ghalhekk dawn m'ghandhomx x'jaqsmu ma' xi moviment tal-bini*" (fol. 71). Sussegwentement reggha mar fil-fond tar-rikorrenti fl-2014. Din id-darba, l-hsarat kienu ferm aktar estensivi qal il-Perit. Fit-8 ta' Awwissu, 2014 huwa reggha hareg rapport, fejn din id-darba, huwa individwalizza numru ta' hsarat, disgha (9) b'kollox, li ma kienux hemm meta kien mar fl-2011(fol. 37). Fl-2015 mar ghal ahhar darba fil-fond tar-rikorrenti u rrilaxxa l-ahhar rapport tieghu, fejn ghal darb' ohra reggha individwalizza hsarat ohra. Fir-rapport tieghu datat 27 ta' Jannar, 2015 huwa individwalizza erba' (4) hsarat ohra (fol. 52). Mistoqsi mit-Tribunal kif jista jghid li l-hsarat li gew riskontrati fil-fond tar-rikorrenti graw minhabba x-xogholijiet li saru fil-proprjeta ta' l-intimat, huwa qal li x-xogholijiet li saru fil-proprjeta ta' l-intimat kienu jinvolvu skavar estensiv.

Mistoqsi jekk il-fatt li l-hajt ikunx inqatgha bi *trencher* imbaghad intuza l-musmar iwassalx ghal nuqqas ta' hsara, huwa ikkonferma dan il-fatt pero zied ighid li l-fatt li jkun sar thaffir b'ingenji kbar xi ftit jew wisq ser ikun hemm vibrazzjoni li taffettwa l-proprjeta fil-vicin (fol. 72). Qal li l-proprjeta ta' l-intimat kienet wahda konsiderevoli u "*allura l-possibilita illi tkun sehhet il-hsara minhabba t-tqattigh u l-iskavar li jkun sar ovjament ser tghola*" (fol. 72). Dwar id-distanza li tezisti bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti, l-Perit Musumeci qal li "*huwa minnu li hemm certu distanza bejn proprjeta u ohra pero m'hijiex bizzejjed sabiex jigi eskluz il-possibilita li l-vibrazzjoni ghaddiet bejn fond u iehor*" (fol. 72). Qal ukoll li minn meta bdew isiru x-xogholijiet mill-intimat sakemm tfaccaw il-hsarat fil-proprjeta tar-rikorrenti jkompli jaghti konfort ghal dak li kien qieghed isostni u cioe li l-hsarat sehhew tort ta' l-intimat. Ikkonferma li l-hsarat li huwa kien ra fl-2011 ma kienu jaghtu l-ebda sinjal li d-danni li sehhew u li rrizultawlu fl-2014 u fl-2015 graw minhabba xi xoghol hazin li kien sar relatat mal-binja tar-rikorrenti.

6. **Il-Perit Tancred Mifsud** qal li huwa kien il-perit inkarigat mix-xogholijiet li kien qieghed jaghmel l-intimat gewwa s-Siggiewi. Huwa spjega li intuzat it-*trencher* sabiex sar it-tqattiegh mal-hitan tal-girien u li l-intimat ma kienx zamm maz-zewg piedi u nofs li ssemmi l-ligi ghar-rigward tal-proprjeta tal-girien. Dan, kompla jghid il-perit, sar bil-kunsens tal-girien. Qabel ma l-intimat beda bl-izvilupp, huwa kien dahal fit-tlett proprjetajiet li kienu jmissu ma' l-izvilupp. Il-proprjeta tar-rikorrenti ma kienitx tmiss ma l-izvilupp u ghalhekk ma dahalx fiha dak iz-zmien. Kompla jghid li l-proprjeta tar-rikorrenti kienet tinsab madwar sitt metri l-boghod mis-sit proprjeta ta' l-intimat. Huwa qal ukoll li recentement, kien talab lill-intimat sabiex dan imur jzur it-tlett proprjetajiet li kienu jmissu mas-sit halli jara jekk dawn kienux garbu xi hsarat u "*minn dak li qalli hu ma kien hemm l-ebda hsarat li rrizultaw*" (fol. 79). Sussegwentement, meta l-intimat kien infurmah li r-rikorrenti kienu qeghdin jallegaw li huwa garbu l-hsarat minhabba l-izvilupp li huwa kien ghamel, il-Perit kien mar ghand ir-rikorrenti. Huwa qal ukoll li r-rikorrenti kien dahlu f'wiehed mill-garaxxijiet li jigi taht il-fond taghhom. Qal li huwa talab li jidhol fil-proprjeta ta' taht il-fond tar-rikorrenti kien peress li "*r-rikorrenti ghandhom hitan divizorji li huma fin-nofs ta' saqaf ta' garages*" (fol. 79). Kompla jghid li "*skont il-metodu ta' kostruzzjoni jista jirrizulta li jekk ikun hemm xi nuqqas jew deficenzi fl-istruttura ezistenti johorgu l-konsenturi*" (fol. 79). Qal li dan

kien is-suspett tieghu wara li kien ra l-konsenturi fil-proprjeta tar-rikorrenti. Kompla jghid li l-konsenturi fil-hitan tar-rikorrenti kienu linejari u li dawn jirrizultaw ghal wahda mis-segwenti zewg ragunijiet. L-ewwel wahda hija li l-hajt jidghajjef peress li huwa ghandu bibien fil-hajt tal-kuridur. Qal li originarjament meta kienu nbnew il-garaxxijiet u l-amisonette proprjeta tar-rikorrenti l-garaxxijiet ma kienux sarulhom travi biex jintrefghu dawn il-hitan addizjonali li kien hemm fil-proprjeta tar-rikorrenti. Qal li biex dan il-fatt jigi accertat kien jehtieg li jsir ezami jekk kienx hemm hadid jew le fis-soqfa tal-garaxxijiet. Dan l-ezami ma sarx. It-tieni raguni kienet li jekk ma kunx hemm dan ir-rinforz vizibbli s-saqaf allura jizzaqqaq u ghalhekk johorgu l-konsenturi. Qal ukoll li meta huwa dahal fil-binja tar-rikorrenti huwa seta jinnotta konsenturi mal-binja kollha anke mat-tarag. Ghar-rigward tal-hsarat riskontrati mill-Perit Musumeci, huwa qal li dawn "*huma sforz li x-xoghol ma kienx sar sew u anke minhabba l-kostruzzjoni kif saret*" (fol. 80). Mistoqsi jekk is-saqaf tal-garaxx fejn dahal kienx imzaqqaq, il-Perit wiegeb fin-negattiv. Ghar-rigward tat-tqattiegh tal-blat, il-Perit qal ukoll li kien intuza l-musmar fil-proprjeta tal-intimat u "*huwa mpossibbli li ma jkunx hemm vibrazzjonijiet*" (fol. 82). Huwa qal pero li meta beda jintuza l-musmar kien diga tqatta pied blat bit-*trencher*. B'hekk, bejn il-plot li kien hemm bejn il-proprjeta tal-kontendenti u dan il-pied li kien tqatta bit-trencher, kien hemm *buffer*. Il-Perit sahaq li ma setawx jirrizultaw konsenturi mit-tqattiegh li ghamel l-intimat fil-proprjeta tieghu.

7. **L-intimat** qal li huwa zviluppa proprjeta gewwa s-Siggiewi. Qal li l-eqreb punt bejn il-proprjeta tieghu u dik tar-rikorrenti kienet ta' bejn wiehed u iehor ta' sitt (6) metri. Bhala metodu ta' tqattiegh, huwa qal li l-ewwel hattew il-hajt tas-sejjieh li kien hemm, imbaghad nehhew il-hamrija sakemm sabu l-wicc tal-blat. Sussegwentement gab *trencher* u qatta dawra mejt mal-blat tlett mteri l-isfel. Dan ma' l-appoggi tal-girien li kienu jmissu ma l-izvilupp. Ovvjament, kompla jghid l-intimat, ir-rikorrenti ma kellu l-ebda parti tal-proprjeta tieghu tmiss mas-sit tieghu. Sussegwentement, huwa uza l-bulldozer u s-sikka sabiex ma jkunx hemm damdim u wara uza l-highmac. Qal li ma kellu l-ebda problema mal-girien li kienu appogg mieghu minhabba dan it-thaffir. Ghar-rigward tax-xoghol li kien sar bejn il-hajt tieghu u dak tal-garr bl-isem ta' Edmond (Falzon), l-intimat qal li dan lanqas konsentura wahda ma hargitlu. Sussegwentement, kienu avvicinawh ir-rikorrenti u nfurmawh li kienu hargulhom il-konsenturi fil-proprjeta taghhom. In kontro-ezami qal li la hu u lanqas hadd mill-haddiema tieghu

ma kienu ghamlu xi xogholijiet ta' riparazzjoni ghand il-girien li kienu jmissu mieghu.

8. Kemm **Edmond Falzon** u kemm **Nicholas** u martu **Mary Rose Catania** qalu, permezz ta' l-affidavit taghhom li l-proprjeta taghhom, li kienet tmiss mal-proprjeta ta' l-intimat ma garbet l-ebda hsara minhabba x-xogholijiet li kien ghamel l-intimat fil-proprjeta tieghu. Il-proprjetajiet ta' l-imsemmija persuni jmissu direttament mal-proprjeta ta' l-intimat. Ghar-rigward ta' Nicholas Catania, dan qal in kontro-ezami li bejnu u bejn l-intimat hemm kwistjonijiet pero dawn kienu bdew qabel ma beda jaghmel ix-xogholijiet fil-proprjeta tieghu u li ma kellhom x'jaqsmu xejn dwar ix-xoghol ta' zvilupp. Ikkonferma li l-proprjeta tieghu tinsab bejn il-proprjeta tar-rikorrenti u dik ta' l-intimat u reggha kkonferma ghal darb' ohra li hsarat huwa ma kellhux.

   Ikkunsidra ulterjorment;

9. Illi f'din il-kawza l-partijiet resqu provi biex isostnu l-posizzjoni taghhom. Da parti tieghu, l-intimat ressaq xhieda in sostenn tad-difiza tieghu li mhux hu kien li kkawza l-hsarat riskontrati mir-rikorrenti. F'dan ir-rigward huwa ressaq lil Nicholas Catania li ghandu l-proprjeta ta' bejn il-kontendenti. Dan ix-xhud qal li l-proprjeta tieghu ma garbet l-ebda hsarat minhabba x-xogholijiet li ghamel l-intimat. Huwa sostna ukoll li l-hsarat li garbet il-proprjeta tar-rikorrenti kienet minhabba difetti strutturali fil-proprjeta taghhom u in sostenn ta' dan huwa ressaq lill-Perit Tancred Mifsud. Da parti taghhom, ir-rikorrenti, resqu lill-Perit Robert Musumeci li qal li l-hsarat riskontrati fil-proprjeta tar-rikorrenti sehhew minhabba x-xogholijiet li ghamel l-intimat fil-proprjeta tieghu.

10. Kemm il-Perit Mifsud u kif ukoll l-intimat jaqblu li l-proprjeta tar-rikorrenti kellha l-hsarat meta huma dahlu fiha. Meta xehed il-Perit Mifsud dwar il-mod tal-kostruzzjoni tal-proprjeta tar-rikorrenti, huwa qal li "*skont il-metodu ta' kostruzzjoni jista jirrizulta li jekk ikun hemm xi nuqqas jew deficenzi fl-istruttura ezistenti johorgu l-konsenturi*" (fol. 79). Qal li dan kien is-suspett tieghu wara li kien ra l-konsenturi fil-proprjeta tar-rikorrenti. Kompla jghid li l-konsenturi fil-hitan tar-rikorrenti kienu linejari u li dawn jirrizultaw ghal wahda mis-segwenti zewg ragunijiet. L-ewwel wahda hija li l-hajt jidghajjef peress li huwa ghandu bibien fil-hajt tal-kuridur. Qal li originarjament meta

kienu nbnew il-garaxxijiet u l-amisonette proprjeta tar-rikorrenti l-garaxxijiet ma kienux sarulhom travi biex jintrefghu dawn il-hitan addizjonali li kien hemm fil-proprjeta tar-rikorrenti. Qal li biex dan il-fatt jigi accertat kien jehtieg li jsir ezami jekk kienx hemm hadid jew le fis-soqfa tal-garaxxijiet. Dan l-ezami ma sarx. It-tieni raguni kienet li jekk ma kunx hemm dan ir-rinforz vizibbli s-saqaf allura jizzaqqaq u ghalhekk johorgu l-konsenturi. Qal ukoll li meta huwa dahal fil-binja tar-rikorrenti huwa seta jinnotta konsenturi mal-binja kollha anke mat-tarag. Ghar-rigward tal-hsarat riskontrati mill-Perit Musumeci, huwa qal li dawn "*huma sforz li x-xoghol ma kienx sar sew u anke minhabba l-kostruzzjoni kif saret*" (fol. 80). Mistoqsi jekk is-saqaf tal-garaxx fejn dahal kienx imzaqqaq, il-Perit wiegeb fin-negattiv. In vista ta' din ix-xhieda, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-intimat ma rnexxielux jipprova li l-hsarat li rriskontraw ir-rikorrenti kienu rizultat tax-xoghol hazin li allegatament sar meta gie kostruwit il-fond taghhom. It-Tribunal, f'dan ir-rigward jaghmel ukoll referenza ghax-xhieda tal-Perit Robert Musumeci li qal li l-hsarat li huwa kien ra fl-2011 ma kienu jaghtu l-ebda sinjal li d-danni li sehhew u li rrizultawlu fl-2014 u fl-2015 graw minhabba xi xoghol hazin li kien sar relatat mal-binja tar-rikorrenti.

11. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda tal-Perit Musumeci u tar-raggonament tieghu ta' kif sehhew il-hsarat li garrbet il-proprjeta tar-rikorrenti. L-intimat bl-ebda mod ma wera, ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal, li dak li qal il-Perit Musumeci ghar-rigward ta' kif gew il-hsarat fil-proprjeta tar-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa. Wara kollox, l-intimat, meta beda x-xogholijiet, lanqas biss talab lill-Perit tieghu sabiex jispezzjona l-proprjeta tar-rikorrenti. Kienu l-istess rikorrenti li ghamlu dan. Il-hsara li kien hemm kienu xquq u li "*ix-xquq li hemm f'dan ir-ritratt* (dak esebit a fol. 35 tal-process) *mhux relatat mal-binja izda huma relatati mal-kisi. Ghalhekk dawn m'ghandhomx x'jaqsmu ma' xi moviment tal-bini*" (fol. 71). Sussegwentement, fl-2014 u fl-2015 l-istess Perit Musumeci kien mar biex jispezzjona l-fond taghhom u hemm sab il-hsarat li jissemmew fir-rapporti tieghu. Mehud kollox in konsiderazzjoni, ix-xhieda mressqa mill-partijiet u d-dokumenti u ritratti esebiti, t-Tribunal huwa sodisfatt li l-hsarat riskontrata fil-proprjeta tar-rikorrenti sehhet minhabba x-xogholijiet li ghamel l-intimat fil-proprjeta tieghu.

12. Ghar-rigward tal-kwistjoni tad-diligenza li biha mexa l-intimat, t-Tribunal huwa tal-fehma li minkejja dan, xorta wahda l-proprjeta tar-rikorrenti garbet

il-hsarat u konsegwentement huwa ghandu jwiegeb ghad-danni sofferti minnhom.

13. Dwar il-kwistjoni tad-danni, t-Tribunal ezamina l-ircevuti esebiti, li jammontaw ghall-ammont reklamat minnhom. Il-Perit Mifsud qal li biex tiksi flat bi tlett kmamar tas-sodda bis-saqaf b'kollox jigi madwar €1,500. Dan l-ammont, kompla jghid il-Perit Mifsud huwa minghajr iz-zebgha. Meta t-Tribunal ra l-ircevuti kollha huwa tal-fehma li l-ispejjez li saru kienu necessarji u ma kien hemm xejn zejjed komparat max-xoghol li kellu jsir biex l-proprjeta tar-rikorrenti terga tigi ripristinata ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara fiha. Ghalhekk it-Talba tar-rikorrenti sejra tintlaqa.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn disa mija disgha u sittin euro u tnax-il centezmu [€2,969.12c] bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mill-4 ta' Settembru, 2014, data ta' l-ittra ufficjali, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**